**4 ta' Novembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Silvio Camilleri *noe*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Proprjetà – Dritt għall-Konfiska, u – Importazzjoni Temporanja – Dazju, Eżenzjoni minn – Kontrollur tad-Dwana**

*Ir-rikorrenta kienet importat karozza f'Malta taħt 'temporary import licence'. Il-Kontrollur tad-Dwana kkonfiska dina l-karozza taħt l-art. 16(2)(d)(ii) ta' l-Att XI ta' l-1964 meta dina naqset li tirriesportaha. Ir-rikorrenta allegat li l-preċitat artikolu kien jikser id-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u għalhekk kien inkostituzzjonali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenta. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm l-allegat ksur u ddikjarat l-artikolu in kwistjoni inkostituzzjonali.*

*Skond l-art. 16(2)(d)(ii) ta' l-Att XI ta' l-1964 il-Kontrollur tad-Dwana jista' jikkonfiska oġġetti importati f'Malta temporanjament meta ma jinħarġux minn Malta fit-terminu previst. Din id-disposizzjoni hija ta' natura konfiskatorja u ma tikkontemplax it-teħid ta' l-oġġetti biex minnu jiġi sodisfatt id-dazju. Din il-konfiska ssir mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċess ġudizzjarju. Għalhekk dan*

*jikser id-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrent kif protett mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ma hux salvat bl-eċċezzjoni kkontemplata fl-artikolu 37(2)(a) ta' l-istess.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 1976, li bih ir-rikorrent *nomine* wara li ppremetta illi fl-14 ta' Diċembru 1974, Joan Smith importat Malta temporanjament permezz ta' ħabib tagħha il-*car Mercedes Benz 250SL,* numru tar-Reġistrazzjoni TAF 32 bl-intenzjoni li tkun tista' tużaha meta tiġi Malta f'qasir żmien għal vaganza;

Illi mmedjatament malli waslet Malta il-*car* imsemmija ġiet imqiegħda fil-*garage* tal-Villa Lyntony, Bella Vista Estate, Marsascala;

Illi Joan Smith, minħabba ċirkostanzi li ma kellhiex kontroll fuqhom, ma setgħetx tiġi għall-vaganza f'Malta kif kien ippjanat, u għaldaqstant il-*car* in kwistjoni qatt ma ntużat Malta ħlief għall-vjaġġ inizjali mill-Marsa għal Marsascala;

Illi fit-23 ta' Jannar 1976, il-*car* in kwistjoni ġiet elevata mill-pulizija in konnessjoni ma' investigazzjoni u sussegwentement fit-28 ta' April 1976, il-Kontrollur tad-Dwana mingħajr ebda preavviż ieħor informa lill-esponenti *nomine* illi l-*car Mercedes Benz* imsemmija ġiet maqbuda bis-setgħa ta' l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni;

Illi b'avviż li deher f'ġurnal lokali (Dok. A) ta' l-1 ta' Mejju 1976, id-Dipartiment tad-Dwana avvża l-bejgħ ta' l-imsemmija *car* u li jilqa' offerti għal dan l-iskop sa l-10.00 a.m., ta' nhar

it-Tlieta, 11 ta' Mejju,1976;

Illi l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att ta' l-1974 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni li qed jinvoka l-Kontrollur tad-Dwana jgħid testwalment illi: "**Jekk xi oġġetti importati jew maħruġa mid-depot minn xi persuna bis-saħħa ta' permess temporanju taħt dan l-artikolu u li jitħallew li jinżammu fil-pussess ta' dik il-persuna għal perijodu ta' żmien stipulat mingħajr ebda garanzija pekunjarja, l-istess oġġetti jkunu maħsuba bħala garanzija fuqhom fil-ħin li l-oġġetti jkunu importati jew maħruġa mid-depożt, f'dak il-każ jekk l-oġġetti ma jiġux esportati mill-ġdid fl-imsemmi żmien dawn ikunu jistgħu jiġu kkonfiskati mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedimenti quddiem il-Qorti**";

Illi l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta *inter alia* jgħid testwalment illi: "Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist:

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lill-Qorti jew tribunali indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens";

Talab li dik l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att ta' l-1964

dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jikser l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

(2) Tiddikjara null u mingħajr effett l-imsemmi artikolu 16(2)(d)(ii); u

(3) Tordna t-twaqqif tal-bejgħ mill-Kontrollur tad-Dwana tal-*car Mercedes Benz 250SL* Numru TAF 32, jew tagħti kwalunkwe rimedju ieħor fil-ġurisdizzjoni tagħha, li tkun tqis bħala aktar xieraq;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ottubru 1976 li biha ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent ikkontenuti fl-isemmi rikors tal-5 ta' Mejju 1976 – salv kull rimedju ieħor li jista' jkun kompetenti lir-rikorrent *nomine* anke amministrattivament fil-kontest tal-liġi partikolari tad-dazji dwar l-importazzjoni kif intqal fl-istess sentenza, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent *nomine* u dana wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Dr. Silvio Camilleri *nomine* li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza ta' l-1 ta' Ottubru, 1976 fis-sens illi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha li ċaħdet l-eċċezzjonijiet proċedurali ta' l-intimat, tirrevokaha fil-parti fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent u għalhekk tgħaddi biex tilqa' l-istess talbiet;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat Kontrollur tad-Dwana ppreżentata fl-14 ta' Ottubru 1976;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Għandu jiġi osservat fl-ewwel lok li fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ppreżentat fil-5 ta' Mejju 1976 qed jintalab li jiġi ddikjarat li l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni – ċjoè l-Att XI ta' l-1964 – (ċitat ukoll fl-istess rikors) jikser l-artikolu 38 (illum l-artikolu 37) tal-Kostituzzjoni. L-imsemmi artikolu 16(2)(d)(ii) kien ġie introdott bħala emenda għall-artikolu 16(2) ta' l-imsemmi Att XI ta' l-1964 bl-Att Numru XLIII ta' l-1974. L-imsemmi Att XI ta' l-1964, kif kemm-il darba emendat, kien baqa' *in vigore* sakemm ġie mħassar bl-artikolu 33 ta' l-Att XXV ta' l-1976 għal-liema Att il-President tar-Repubblika kien ta l-kunsens tiegħu fit-28 ta' Ġunju 1976. Għalkemm però l-imsemmi art. 16(2)(d)(ii) ta' l-Att ta' l-1964 illum ma għadux iseħħ bħala tali, eppure r-rikorrent appellant għandu interess li jottjeni d-dikjarazzjonijiet minnu mitluba fir-rikors billi l-karozza in kwistjoni ġiet elevata fit-23 ta' Jannar 1976, ċjoè qabel beda jseħħ l-Att XXV ta' l-1976 u meta kien għadu jseħħ l-imsemmi Att ta' l-1964 kif emendat. Jista' jiżdied ukoll illi l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att XI ta' l-1964 ġie riprodott fl-Att XXV ta' l-1976, ukoll bħala l-art. 16(2)(d)(ii);

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellat qed jissottometti illi ma jistax jingħad li l-artikolu 16(2)(d)(ii) fuq imsemmi ma jiksirx l-artikolu 38 (illum l-artikolu 37) tal-Kostituzzjoni billi jaqa' taħt l-art. 38(2)(a) (illum 37(2)(a) ) li jiddisponi li "l-ebda ħaġa f'dan l-artikolu

m'għandha tiftiehem li *tolqot* l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà:

(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet.....'' Skond ir-rikorrent appellat l-artikolu impunjat, ċjoè l-*art.* 16(2)(d)(ii) ma jindika bl-ebda mod li l-konfiska qiegħda ssir sabiex mir-rikavat, il-Kontrollur jieħu xi taxxa, rata jew *xi dritt* ieħor li jispetta lilu. Kieku kien hemm, jissokta jgħid ir-rikorrent appellant, ma kienx ikun hemm kwistjoni iżda l-*Kontrollur* kien qed jippretendi li bis-saħħa tal-konfiska huwa sar proprjetarju tal-karozza f'sehem assolut u mhux biex jissodisfa dak li ħaqqu skond il-liġi;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 16 ta' l-Att XI ta' l-1964 fuq *imsemmi* jikkontempla l-ħelsien mill-ħlas ta' dazju ta' oġġetti importati għall-użu temporanju u jistabbilixxi li kull oġġett jista', bil-permess tal-Kontrollur tad-Dawna, jinġieb f'dawn il-Gżejjer jew jinħareġ mid-depożt bla ħlas ta' dazju fuqu, jekk il-Kontrollur tad-Dwana jkun sodisfatt li dawk l-oġġetti jkunu nġiebu f'dawn il-Gżejjer jew inħarġu mid-depożt għall-użu temporanju biss. L-artikolu 16 imbagħad jgħaddi biex jassoġġetta l-imsemmija importazzjoni temporanja għal ċerti kundizzjonijiet, fosthom li l-oġġetti għandhom ikunu esportati minn Malta fi żmien tliet xhur jew dak il-perijodu addizzjonali li l-Kontrollur jippermetti u li l-persuna li timporta l-oġġetti jew toħroġhom mid-depożt tiddepożita f'idejn il-Kontrollur l-ammont ta' dazju li jitħallas fuqhom jew tagħti dik il-garanzija għall-istess skond ma l-Kontrollur jista' jitlob. L-artikolu 16(2) imbagħad fl-inċiż (d) jikkontempla żewġ eventwalijiet fil-każ li l-oġġetti ma jiġux esportati fiż-żmien fuq imsemmi:

(1) Meta tingħata depożitu jew garanzija f'dan il-każ id-depożitu jew garanzija kollha f'idejn il-Kontrollur jiġu kkonfiskati;

(2) Meta l-oġġetti jiġu importati jew maħruġa mid-depożt bis-saħħa ta' permess temporanju mingħajr ebda garanzija pekunjarja – f'dan il-każ l-istess oġġetti *jkunu maħsuba* bħala garanzija fuqhom fil-ħin li l-oġġetti jkunu importati jew maħruġa mid-depożt u jistgħu jkunu kkonfiskati mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedimenti *quddiem* il-Qorti;

Huwa evidenti għalhekk minn dak li għadu kemm intqal li fil-waqt li fil-każ ta' l-ewwel eventwalità fuq imsemmija (ikkontemplata fl-Att XI ta' l-1964 kif oriġinarjament ippromulgat) jista' jingħad li l-konfiska tad-depożitu jew tal-garanzija qiegħda ssir, fil-kliem tal-Kostituzzjoni, "bi ħlas ta' taxxa, rata jew drittijiet" billi skond il-liġi stess jikkorrispondu għall-ammont tad-dazju li jitħallas fuq l-oġġetti, dan ma jistax jingħad fil-każ tat-tieni eventwalità (introdotta bl-Att XLIII ta' l-1974). F'dan il-każ ikunu qed jiġu kkonfiskati l-oġġetti stess u mhux id-dazju dovut fuq l-istetss oġġetti. Kieku l-leġislatur ried jgħid li l-oġġetti kkonfiskati għandhom jagħmlu tajjeb għad-dazju dovut fuqhom billi jinbiegħu u mir-rikavat, il-Kontrollur jitħallas id-dazju b'dan li l-bilanċ jibqa' ta' sid l-oġġetti, huwa kien jifformula l-liġi bi kliem diversi. Kif ifformulata l-liġi fit-tieni eventwalità fuq imsemmija, din ma tistax ħlief tfisser li l-leġislatur ried li l-oġġetti jkunu garanzija għall-ħlas tad-dazju iżda mbagħad ta s-saħħa lill-Kontrollur li jikkonfiskahom mingħajr ebda kwalifika oħra;

Kif inhi l-liġi, l-oġġetti, jekk jiġu kkonfiskati mill-Kontrollur, fl-imsemmija tieni eventwalità *jibqgħu* tiegħu mingħajr in-

neċessità ta' ebda proċeduri oħra. F'dan ir-rigward il-Qorti *tinnota li* l-Art. 16(2)(d)(ii) jispiċċa biex jgħid li l-oġġetti "jkunu jistgħu jiġu kkonfiskati mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedimenti quddiem il-Qorti";

Isegwi għalhekk li f'din it-tieni eventwalità kkontemplata fl-art. 16(2)(d)(ii) ma jistax jingħad li l-konfiska hija ġustifikata billi magħmula għall-finijiet tal-ħlas ta' "xi taxxa, rata jew drittijiet" taħt l-art. 37(2)(a) kif qed jippretendi l-intimat appellat. Isegwi wkoll għalhekk li l-artikolu 38 (illum l-art. 37) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li għalhekk kien null u mingħajr effett;

*Ikkunsidrat:*

Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent appellant qiegħed jitlob fit-tielet lok li l-Qorti tordna t-twaqqif tal-bejgħ tal-karozza jew tagħti kwalunkwe rimedju ieħor. Huwa evidenti li l-ewwel Qorti, in vista tal-konklużjoni minnha raġġunta, li bija ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, ma daħlitx biex teżamina l-imsemmija tielet talba u huwa xieraq li dawn il-provi jinstemgħu mill-ewwel Qorti sabiex imbagħad tagħti rimedju opportun biex b'dan il-mod jiġi salvagwardat il-benefiċċju tad-"*doppio esame*" għall-kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tar-rikorrent appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet *proċedurali* ta' l-intimat, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent appellant billi tilqa' l-istess talbiet fis-sens li tiddikjara li l-artikolu 16(2)(d)(ii) ta' l-Att XI ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni kien jikser l-artikolu 38 (illum 37) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u billli tiddikjara wkoll

illi l-istess *artikolu 16(2)(d)(ii)* kien null u bla effett u fl-istess ħin tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi kif ingħad fuq. L-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati mill-intimat appellat.